DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1874

tas-6 ta' Novembru 2019

dwar l-adegwatezza tal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2019) 7854)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 47(3) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 47(1) tad-Direttiva 2006/43/KE, l-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew ta' dokumenti oħrajn li jinżammu mill-awdituri statutorji jew mid-ditti tal-awditjar approvati minnhom, kif ukoll it-trasferiment ta' rapporti dwar spezzjonijiet jew investigazzjonijiet li jirrigwardaw l-awditi inkwistjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz, dment li dawn l-awtoritajiet ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti li jkunu ġew ddikjarati bħala adegwati mill-Kummissjoni u jkun hemm arranġamenti ta' ħidma reċiproċi bejniethom u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom interess dejjem jikber fl-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fil-qasam tal-awditjar statutorju. Fid-dawl ta' dak l-interess, jeħtieġ li jiġi determinat jekk l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina jissodisfawx ir-rekwiżiti xierqa għal dawk l-għanijiet.

(2) Id-Deċiżjoni dwar l-adegwatezza skont l-Artikolu 47(3) tad-Direttiva 2006/43/KE ma tindirizzax ir-rekwiżiti speċifiċi l-oħrajn għat-trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew ta' dokumenti oħra miżmuma minn awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar kif ukoll tar-rapporti dwar spezzjonijiet jew investigazzjonijiet, bħalma huma l-ftehimiet dwar arranġamenti reċiproki għal ħidma bejn l-awtoritajiet kompetenti stabbiliti fl-Artikolu 47(1)(d) ta' din id-Direttiva 2006/43/KE, jew ir-rekwiżiti għat-trasferiment ta' data personali stabbiliti fl-Artikolu 47(1)(e) ta' din id-Direttiva.

(3) Il-kooperazzjoni dwar it-trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħra miżmuma minn awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar kif ukoll tar-rapporti dwar spezzjonijiet jew investigazzjonijiet lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz huwa rifless tal-interess pubbliku sostanzjali relatat mat-twettiq ta' sorveljanza pubblika indipendenti. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom, fil-qafas tal-arranġamenti ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 47(2) tad-Direttiva 2006/43/KE, jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jużaw kull dokument ittrasferit lilhom skont l-Artikolu 47(1) ta' din id-Direttiva biss biex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom ta' sorveljanza pubblika, għall-garanzija tal-kwalità u għall-investigazzjonijiet tal-awdituri u tad-ditti tal-awditjar.

(4) Meta jitwettqu kontrolli jew investigazzjonijiet, l-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar ma għandhomx jitħallew jagħtu aċċess, jew jittrażmettu dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħra lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina taħt xi kundizzjoni oħra li ma tkunx stipulata fl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/43/KE u f'din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87.

(5) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 47(4) tad-Direttiva 2006/43/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tas-sorveljanza pubblika, għall-garanzija tal-kwalità u għall-investigazzjonijiet fuq l-awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar, il-kuntatti bejn l-awdituri statutorji jew id-ditti tal-awditjar approvati minnhom u mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jseħħu permezz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.

(6) B'konformità mal-Artikolu 47(1)(d) tad-Direttiva 2006/43/KE, il-possibbiltà li l-Istati Membri jippermettu t-trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħra miżmuma minn awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar approvati minnhom u t-trasferiment tar-rapporti ta' spezzjoni jew ta' investigazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-arranġamenti ta' ħidma jiġu miftiehma bejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

(7) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali arranġamenti ta' ħidma bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina jiġu miftiehma abbażi ta' reċiproċità u jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 47(1) u (2) tad-Direttiva 2006/43/KE, fosthom il-protezzjoni ta' kwalunkwe sigriet professjonali u interess kummerċjali, inkluż il-proprjetà industrijali u intellettwali misjuba f'dokumenti dwar l-entitajiet awditjati u d-ditti tal-awditjar li jkunu awditjaw lil dawk l-entitajiet.

(8) Meta t-trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew ta' dokumenti oħra miżmumin minn awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar, u ta' rapporti dwar spezzjonijiet jew investigazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina jkun jinvolvi d-divulgazzjoni ta' *data* personali, din id-divulgazzjoni tkun tirrispetta l-liġi biss jekk tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti tat-trasferimenti internazzjonali tad-*data* stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Għaldaqstant, l-Artikolu 47(1)(e) tad-Direttiva 2006/43/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li t-trasferiment ta' *data* personali bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina jkun konformi ma' kwalunkwe prinċipju u regola applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu previsti salvagwardji xierqa għat-trasferiment ta' *data* personali, f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2016/679. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina ma jkomplux jiddivulgaw *data* personali li tkun tinsab fid-dokumenti trasferiti mingħajr il-qbil minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.

(9) Il-Ministeru tal-Finanzi u l-Kummissjoni Regolatorja tat-Titoli (is-CSRC) tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina huma żewġ korpi tas-sorveljanza pubblika li għandhom kompetenza fl-investigazzjoni ta' awdituri u ta' ditti tal-awditjar, skont il-Liġi tal-Kontabbiltà, il-Liġi dwar il-Kontabilisti Pubbliċi Ċċertifikati bil-Liġi u l-Liġi dwar it-Titoli tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Il-Ministeru tal-Finanzi huwa responsabbli mill-ħruġ ta' liċenzji għall-prattika għad-ditti tal-kontabbiltà, l-infurzar ta' regoli tal-kontabbiltà, l-istabbiliment ta' standards tal-awditjar, it-twettiq ta' spezzjonijiet u investigazzjonijiet ta' ditti tal-kontabbiltà u kontabilisti pubbliċi ċċertifikati, u li jidħlu fi ftehimiet ta' kooperazzjoni regolatorja relatati mas-sorveljanza tal-professjoni ta' kontabilisti pubbliċi ċċertifikati. Is-CSRC, taħt l-awspiċi tal-Kunsill tal-Istat, hija responsabbli mis-superviżjoni tas-suq tat-titoli u mill-infurzar tal-Liġi dwar it-Titoli. Għandha setgħat biex tispezzjona kumpaniji elenkati jew fil-Borża ta' Shanghai jew fil-Borża ta' Shenzhen u d-ditti ta' kontabbiltà li jwettqu awditi ta' dawk il-kumpaniji elenkati. Hija l-awtorità responsabbli mis-superviżjoni u l-amministrazzjoni tat-titoli maħruġa f'waħda minn dawk il-boroż. Fost id-dmirijiet superviżorji tagħha, is-CSRC hija responsabbli mill-ġestjoni ta' kwistjonijiet ta' kooperazzjoni internazzjonali tas-settur tat-titoli u l-futuri. Is-CSRC għandha s-setgħa li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tas-sorveljanza mal-awtoritajiet korrispondenti ta' ġurisdizzjonijiet oħrajn għall-finijiet ta' sorveljanza transfruntiera tas-swieq tat-titoli fosthom il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-awditjar.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(10) Kemm il-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll is-CSRC se jkunu involuti fl-iffirmar ta'ftehim bilaterali fil-ġejjieni relatati mat-trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma dwar l-awditjar. Il-Ministeru tal-Finanzi tinsab fuq quddiem fir-rigward tal-konklużjoni tal-ftehimiet mal-Istati Membri u jiddetermina l-parteċipazzjoni tas-CSRC fin-negozjati u fl-iffirmar skont il-fini u l-kontenut tal-ftehimiet. Il-persunal tal-Ministeru tal-Finanzi u tas-CSRC ta' bħalissa u dak ta' qabel għandu l-obbligu li jżommu l-kunfidenzjalità tas-sigrieti Statali, kummerċjali u ta' ħidma li jsiru jafu bihom matul l-attivitajiet superviżorji u ma jużawx tali informazzjoni fi kwistjonijiet mhux relatati.

(11) Skont il-liġijiet u r-regolamenti tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ministeru tal-Finanzi u s-CSRC jistgħu jittrasferixxu d-dokumenti ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 47(1) tad-Direttiva 2006/43/KE li jkollhom x'jaqsmu mal-investigazzjonijiet li jaf tagħmel fuq tali awdituri u ditti tal-awditjar lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(12) Fuq dik il-bażi, filwaqt li jitqies ukoll il-parir tekniku tal-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar imsemmi fl-Artikolu 30(7)(c) tar-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-Ministeru tal-Finanzi u s-CSRC jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom jiġu ddikjarati bħala xierqa għall-finijiet tal-Artikolu 47(1)(c) tad-Direttiva 2006/43/KE.

(13) Din id-Deċiżjoni ma taffettwax l-arranġamenti ta' kooperazzjoni msemmijin fl-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(14) Kwalunkwe konklużjoni dwar l-adegwatezza tar-rekwiżiti milħuqa mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 47(3) tad-Direttiva 2006/43/KE ma tippreġudika l-ebda deċiżjoni li l-Kummissjoni tadotta dwar l-ekwivalenza tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, l-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 46(2) ta' dik id-Direttiva.

(15) Din id-Deċiżjoni għandha l-għan li tiffaċilita l-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u dawk tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. L-għan tagħha huwa li tippermetti lil dawn l-awtoritajiet li jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom għas-sorveljanza pubblika, għall-garanzija tal-kwalità u għall-investigazzjonijiet, u fl-istess waqt, sabiex tħares id-drittijiet tal-partijiet ikkonċernati. Fil-każ li awtorità kompetenti tiddeċiedi li tidħol f'arranġamenti ta' ħidma abbażi ta' reċiproċità mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina sabiex tippermetti t-trasferiment ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar u dokumenti oħrajn li jkunu miżmuma mill-awdituri jew mid-ditti tal-awditjar statutorji u ta' rapporti dwar l-ispezzjoni u l-investigazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat ikollu l-obbligu jikkomunika lill-Kummissjoni l-arranġamenti ta' ħidma reċiproċi li jiġu konklużi ma' dawk l-awtoritajiet sabiex il-Kummissjoni titpoġġa f'pożizzjoni li tivvaluta jekk il-kooperazzjoni tkunx konformi mal-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/43/KE.

(16) L-għan aħħari tal-kooperazzjoni dwar is-sorveljanza tal-awditjar bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwa li tinkiseb fiduċja reċiproka fis-sistemi ta' sorveljanza ta' xulxin u biex tissaħħaħ il-konverġenza tal-kwalità tal-awditjar. Tali dipendenza reċiproka u konverġenza msaħħa jkunu bbażati fuq l-ekwivalenza tas-sistemi ta' sorveljanza tal-awditjar tal-Unjoni u tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Konsegwentement, fl-aħħar mill-aħħar it-trasferimenti tad-dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew ta' dokumenti oħra miżmuma minn awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar kif ukoll ta' rapporti dwar spezzjonijiet jew investigazzjonijiet għandhom ikunu eċċezzjoni.

(17) Din id-Deċiżjoni tirrifletti l-interess dejjem jikber tal-Istati Membri li jkomplu jiżviluppaw il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fil-qasam tal-awditu statutorju bħala mezz biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-entitajiet tal-Unjoni għas-suq kapitali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u biex jitħeġġu l-attivitajiet tas-suq tal-kapital fl-Istati Membri ta' kumpaniji b'uffiċċju rreġistrat fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

(18) Minħabba n-nuqqas attwali ta' esperjenza prattika fil-kooperazzjoni superviżorja mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, din id-Deċiżjoni għandha tkun applikabbli għal perjodu ta' żmien limitat.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77).

([4]) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

(19) Minkejja l-limiti ta' żmien, il-Kummissjoni se timmonitorja fuq bażi regolari l-iżviluppi tas-suq, l-evoluzzjoni tal-oqfsa superviżorji u regolatorji u l-effettività tal-kooperazzjoni superviżorja, filwaqt li tqis l-esperjenza miksuba matul il-kooperazzjoni superviżorja, ibbażata wkoll fuq il-kontribut tal-Istati Membri. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tista' twettaq reviżjoni speċifika ta' din id-Deċiżjoni fi kwalunkwe ħin qabel it-tmiem l-iskadenza tagħha fil-każ li żviluppi rilevanti li jseħħu jagħmluha neċessarja li d-dikjarazzjoni ta' adegwatezza mogħtija b'din id-Deċiżjoni tiġi vvalutata mill-ġdid. Tali rivalutazzjoni tista' twassal għar-revoka ta' din id-Deċiżjoni.

(20) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Mejju 2019.

(21) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2006/43/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ministeru tal-Finanzi u l-Kummissjoni Regolatorja tat-Titoli tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom jiġu kkunsidrati bħala adegwati skont l-Artikolu 47(1)(c) tad-Direttiva 2006/43/KE għall-finijiet ta' trasferiment' ta' dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew ta' dokumenti oħrajn kif ukoll tar-rapporti dwar spezzjonijiet u investigazzjonijiet skont l-Artikolu 47(1) tad-Direttiva 2006/43/KE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta d-dokumenti ta' ħidma tal-awditjar jew dokumenti oħra li jkunu għand awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar jinżammu esklussivament minn awditur statutorju jew ditta tal-awdituri rreġistrata fi Stat Membru ieħor barra l-Istat Membru fejn huwa rreġistrat l-awditur tal-grupp u li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun irċeviet talba mingħand kwalunkwe awtorità msemmija fl-Artikolu 1, dawn il-karti jew id-dokumenti għandhom jiġu ttrasferiti lill-awtorità kompetenti tat-talba f'każ biss li l-awtorità kompetenti tal-ewwel Stat Membru tkun qablet espliċitament mat-trasferiment.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-15 ta' Novembru 2019 sal-14 ta' Novembru 2024.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Valdis DOMBROVSKIS
Viċi President